32000D0275

12.4.2000 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 91/1

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Marzu 2000

dwar ekwivalenzi bejn ċerti kategoriji ta' liċenzji tas-sewqan

(innotifikata permezz tad-dokument numru C(2000) 511)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2000/275/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE tad-29 ta' Lulju 1991 dwar liċenzji tas-sewqan [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 97/26/KE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 1(2) u l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 10 tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 91/439/KEE tipprovdi li l-liċenzji kollha tas-sewqan maħruġa mill-Istati Membri, inklużi dawk maħruġa qabel l-implimentazzjoni ta' dik id-Direttiva f'leġislazzjoni nazzjonali, għandhom ikunu reċiprokament rikonoxxuti.

(2) Li l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' liċenzji tas-sewqan jinvolvi r-rikonoxximent sħiħ ta' l-intitolamenti kollha li jkunu ngħataw lid-detetentur tal-liċenzja b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet nazzjonali fis-seħħ dak iż-żmien.

(3) Id-Direttiva 91/439/KEE tipprovdi li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ekwivalenzi bejn il-kategoriji ta' liċenzji maħruġa qabel l-implimentazzjoni ta' dik id-Direttiva u dawk definiti fl-Artikolu 3 tagħha. Dawk l-ekwivalenti għandhom ikollhom il-kunsens tal-Kummissjoni f'forma li toħloq rabta legali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għal-liċenzji kollha tas-sewqan li huma validi u li huma maħruġa fi Stati Membri li għadhom f'ċirkulazzjoni.

L-Artikolu 2

Tabelli ta' ekwivalenzi bejn kategoriji ta' liċenzji tas-sewqan, li kienu maħruġa fl-Istati Membri qabel l-implimentazzjoni tad-Direttiva 91/439/KEE u l-kategoriji armonizzati kif definiti fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 91/439/KEE huma stipulati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

L-Artikolu 3

1. Il-kategoriji ta' liċenzji tas-sewqan li kienu użati qabel l-implimentazzjoni tad-Direttiva 91/439/KEE jintitolaw lid-detentur li jsuq vetturi tal-kategoriji korrispondenti kif deskritt fit-tabelli fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni mingħajr restrizzjonijiet, ħlief jekk iddikjarat mod ieħor għall-intitolament relevanti.

2. Il-kodiċi li jindikaw ir-restrizzjoni ta' l-intitolamenti korrispondenti fit-tabelli huma l-kodiċi Komunitarji armonizzati kif definiti mill-Artikolu 7(a) tad-Direttiva 91/439/KEE.

3. Meta tkun mibdula l-liċenzja tas-sewqan mal-mudell tal-liċenzja tas-sewqan Komunitarja kif deskritt fl-Annessi I u I(a) tad-Direttiva 91/439/KEE bi qbil ma' l-Artikolu 8(1) ta' dik id-Direttiva, l-intitolamenti ekwivalenti għandhom jingħataw kif deskritt fl-Annness ta' din id-Deċiżjoni.

[1] ĠU L 237, ta' l-24.8.1991, p. 1.
[2] ĠU L 150, tas-7.6.1997, p. 41.

L-Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-21 ta' Marzu 2000.

Għall-Kummissjoni
Loyola de PALACIO
Viċi-President

L-ANNESS

MUDELLI MAĦRUĠA FIL-BELĠJU

Mudell il-Belġju 1 (B1)

Maħruġ fil-Belġju mill-1.1.1967 sal-31.12.1988

Deskrizzjoni: Il-mudell jidher f'waħda mil-lingwi li ġejjin: L-Olandiż, il-Franċiż u l-Ġermaniż. Differenzi fir-rigward ta' kulur u stampar tal-mudell jeżistu. Ġeneralment huwa mudell fuq karta roża b'sitt paġni.

Tabella ta' ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell B1	Kategoriji korrispondenti
A	A
B	A, B, BE
BE	A, B, BE
B għal użu professjonali	A, B, BE
BE għal użu professjonali	A, B, BE
C	A, B, BE, C, CE
CE	A, B, BE, C, CE
D	A, B, BE, C, CE, D, DE
DE	A, B, BE, C, CE, D, DE
AF	A 51
BF	A 52

Informazzjoni addizzjonali:

Biex ikun intitolat li jsuq vetturi tal-kategorija AF u/jew BF, il-validazzjoni tal-kategorija A u/jew B kienet meħtieġa, kif ukoll tal-kategorija F.

Mudell il-Belġju 2 (B2)

Maħruġ fil-Belġju mill-1.1.1989 sat-30.9.1998

Deskrizzjoni: Il-mudell jidher f'waħda mil-lingwi li ġejjin: L-Olandiż, il-Franċiż u l-Ġermaniż. Differenzi fir-rigward ta' kulur u stampar tal-mudell jeżistu. Ġeneralment huwa mudell fuq karta roża b'sitt paġni.

Tabella ta' ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell B2	Kategoriji korrispondenti
(A3)	–
A2	A1; żamma ta' A2 għal aktar minn sentejn: A
A1	A
B	B
BE	B, BE
C	B, C
CE	B, BE, C, CE
D	B, D
DE	B, BE, D, DE

Mudell il-Belġju 3 (B3)

Maħruġ fil-Belġju mill-1.1.1989 sat-30.9.1998

Deskrizzjoni: Il-mudell huwa ikħal u jikkonsisti f'erba' paġni.

Ekwivalenzi

L-ekwivalenzi tal-mudell B3 isegwu dawk jew tal-mudell B inkella B2, jiddependi minn liema wieħed minn dawk iż-żewġ mudelli l-mudell B3 ikun ikkumbinat miegħu. Għalhekk ara jew il-mudell B1 inkella B2 għall-ekwivalenzi.

Mudell il-Belġju 4 (B4)

Maħruġ fil-Belġju sa mill-1.1.1998

Deskrizzjoni: Mudell b'konformità ma' l-Anness I tad-Direttiva 91/439/KEE.

Tabella ta' ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell B4	Kategoriji korrispondenti
(A3)	–
A	A
B	B
BE	BE
C1	C1
C1E	C1E
C	C
CE	CE
D1	D1
D1E	D1E
D	D
DE	DE

MUDELLI MAĦRUĠA FID-DANIMARKA

Mudell id-Danimarka 1 (DK1)

Maħruġ fid-Danimarka sat-30.4.1986

Deskrizzjoni: Il-mudell huwa roża, b'erba' paġni.

Tabella ta' ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell DK1	Kategoriji korrispondenti
A1	A1, A; ristretta għal muturi minghajr *side-car*; id-detenturi huma intitolati li jiksbu A1 jew A sħiħa fl-Istati Membri l-oħra
A2	A1, A
B	B
BE	BE
C	C1, C
CE	C1E, CE
D	D1, D
DE	D1E, DE

Informazzjoni addizzjonali:

Dan il-mudell huwa validu sat-30.4.2038 sa l-aktar tard. Madanakollu, dan il-mudell m'għadux validu għas-sewqan fid-Danimarka, la darba skambju mandatorju tal-liċenzji kollha kien ġie impost fis-snin 1991 sa 1993. Madanakollu, il-liċenzja tista' tiġi mibdula ma liċenzja tas-sewqan ġdida maħruġa mid-Danimarka u għandha tkun rikonoxxuta mill-Istati Membri l-oħra sad-data hawn fuq imsemmija.

Mudell id-Danimarka 2 (DK2)

Maħruġ fid-Danimarka mill-1.5.1986 sat-30.6.1996

Deskrizzjoni: il-mudell fih linji roża u kafellatte, 4 paġni.

Tabella ta' ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell DK2	Kategoriji korrispondenti
A1	A1, A; ristretta għal muturi minghajr *side-car*; id-detenturi huma intitolati li jiksbu A1 jew A sħiħa fl-Istati Membri l-oħra
A2	A1, A
B	B
BE	BE
C	C1, C
CE	C1E, CE
D	D1, D
DE	D1E, DE

Mudell id-Danimarka 3 (DK3)

Maħruġ fid-Danimarka mill-1.7.1996 sat-13.4.1997

Deskrizzjoni: Mudell b'linji roża u kafellatte, erba' paġni.

Tabella ta' ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell DK3	Kategoriji korrispondenti
A	A1, A
B	B
BE	BE
C	C1, C
CE	C1, CE
D	D1, D
DE	D1E, DE

Mudell id-Danimarka 4 (DK4)

Maħruġ fid-Danimarka sa mill-14.4.1997

Deskrizzjoni: Mudell ta' biljett tal-plastika b'konformità ma' l-Anness Ia tad-Direttiva 91/439/KEE.

Tabella ta' ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell DK4	Kategoriji korrispondenti
A	A1, A
B	B
BE	BE
C	C1, C
CE	C1E, CE
D	D1, D
DE	D1E, DE

Informazzjoni addizzjonali:

Id-data ta' l-ewwel ħruġ ta' kategoriji ta' liċenzji tas-sewqan li kienu maħruġa qabel l-1.5.1986 ma jistgħux ikunu mfittxija b'lura. F'każijiet bħal dawn, is-simbolu "<" jew "≤" jista' jidher fil-kolonna 10 fuq il-liċenzja, akkumpanjat b'ċerta sena, li tindika li l-kategorija kienet ġiet maħruġa qabel jew f'dik is-sena.

MUDELLI MAĦRUĠA FIL-ĠERMANJA

Rimarka ġenerali: Għal kull mudell Ġermaniż maħruġ qabel l-1.1.1999, intitolamenti ulterjuri ta' tip speċifiku ħafna u llimitat, li ma jidhrux fit-tabelli, jistgħu jirriżultaw. Fiċ-ċirkostanza rari li jinqala każ bħal dan, l-awtoritajiet Ġermaniżi tal-ħruġ ikunu jridu jiġu kkuntattjati fil-każ ta' dubju dwar l-iskop ta' l-intitolament partikolari.

Mudell il-Ġermanja 1 (D1)

Maħruġ fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja sa l-1.4.1986 (fi xi każijiet partikolari d-data tal-ħruġ tista' tkun wara l-1.4.1986)

Deskrizzjoni: Griż, erba' paġni. Fil-prattika jista' jkun hemm varjetà ta' differenzi fir-rigward ta' kulur u forma tal-mudell, billi dan il-mudell ilu jiġi maħruġ għal iktar minn 40 sena. Mudelli fl-Art ta' Saarland jista' jkollhom daqs differenti u huma bilingwali (Ġermaniż u Franċiż).

Tabella ta' ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell D1	Kategoriji korrispondenti
1	A1, A (ara: 1)
1 beschränkt auf Leichtkrafträder: 1.4.1980 – 31.3.1986	A1
2	B, BE, C1, C1E, C, CE (ara: 2, 3, 5)
3	B, BE, C1, C1E (ara: 3, 4, 5)
4	– (ara: 6)
(5)	–

Informazzjoni addizzjonali:

1. Jekk liċenzja "Klasse 1" kienet inkisbet qabel l-1.12.1954 (qabel l-1.10.1960 fl-Art ta' Saarland), id-detentur huwa intitolat li jsuq il-kategorija B 79 (≤ 700 ċm^3) ukoll, mingħajr ma jkollu għalfejn ibiddel il-liċenzja. Fil-każ ta' kambju ta' liċenzja bħal din, id-detentur ikun mogħti liċenzja sħiħa tal-kategorija B.

2. Jekk id-detentur ta' l-intitolament "Klasse 2" ikun għalaq il-50 sena qabel il-31.12.1999, l-intitolament tiegħu jieqaf milli jkun validu fil-31.12.2000. Sal-31.12.2000 dan id-detentur tal-liċenzja jkollu jibdel il-liċenzja tiegħu għall-mudell il-ġdid u l-perjodu ta' validità u l-perjodiċità ta' l-eżami mediku għall-mudell il-ġdid tkun tapplika. Jekk detentur jagħlaq 50 sena wara l-31.12.1999, għandu jbiddel il-liċenzja tiegħu mal-mudell il-ġdid fl-għeluq tal-50 sena tiegħu u minn hemm il-quddiem il-perjodu ta' validità ta' ħames snin ikun japplika.

   Jekk dan id-detentur tal-liċenzja jistabbilixxi r-residenza normali tiegħu fi Stat Membru ieħor mingħajr ma jkun konformi mar-regoli t'hawn fuq, l-intitolament tiegħu "Klasse 2" m'għandux jiġi rikonoxxut (sakemm ma jkunx biddel ir-residenza normali tiegħu qabel mar-regoli t'hawn fuq japplikaw għalih).

3. Jekk liċenzja "Klasse 2" jew "Klasse 3" kienet inkisbet qabel l-1.12.1954 (qabel l-1.10.1960 fl-Art ta' Saarland), id-detentur huwa intitolat għall-kategoriji ta' sewqan A1 u A 79 (≤ 250 ċm^3) ukoll. Fiż-żewġ każi, id-detentur jingħata intitolament mingħajr ristrezzjoni tal-kategorija A fil-każ li huwa jbiddel il-liċenzja.

   Jekk liċenzja "Klasse 2" jew "Klasse 3" tkun inkisbet wara d-dati t'hawn fuq imma qabel l-1.4.1980, din tintitola lid-detentur għall-kategorija ta' sewqan A1 ukoll.

4. Id- detentur ta' liċenzja "Klasse 3" huwa intitolat ukoll li jsuq il-vettura segwenti: CE 79 (> 12 t, imma mhux iktar minn tliet fusien b'kollox).

   Dan l-intitolament irid jidher fuq il-liċenzja l-ġdida, li tinħariġlu biss bi skambju fuq talba espliċita mid-detentur.

5. Id-detentur ta' vettura ta' "Klasse 3" huwa intitolat li jsuq xarabanks mingħajr passiġġieri b'toqol massimu ta' inqas minn 7,5 t, ukoll fit-traffiku internazzjonali, mingħajr l-obbligu li jkollu l-mudell D2. Id-detentur ta' vettura ta' "Klasse 2" huwa intitolat li jsuq xarabanks mingħajr passiġġieri fit-traffiku internazzjonali, mingħajr l-obbligu li jkollu l-mudell D2. Wara l-iskambju tal-mudelli fil-Ġermanja, id-dritt għas-sewqan ta' karrozza xarabank mingħajr passiġġieri huwa llimitat għat-territorju Ġermaniż bl-applikazzjoni ta' kodiċi nazzjonali.

Sabiex ikun intitolat li jsuq xarabanks b'passiġġieri fi traffiku internazzjonali, id-detentur tal-liċenzja "Klasse 2" jeħtieġ li jkollu ukoll liċenzja mudell D2. Malli jsir l-iskambju fi Stat Membru ieħor, il-kategoriji D1, D1E, D u DE għandhom jingħataw biss lil detenturi li huma intitolati jsuqu "Klasse 2" u li għandhom il-mudell D2.

6. Jekk intitolament "Klasse 4" ikun ingħata qabel l-1.12.1954 (qabel l-1.10.1960 fl-Art ta' Saarland) din mhix kategorija nazzjonali biss imma tintitola lid-detentur li jsuq il-kategoriji li ġejjin:

A1, A 79 (≤ 250 ċm^3) u B 79 (≤ 700 ċm^3). Fiż-żewġ każi, id-detentur jingħata intitolament mhux ristrett tal-kategorija A meta huwa jbiddel il-liċenzja.

Jekk liċenzja "Klasse 4" tkun inħarġet wara d-dati t'hawn fuq, imma qabel l-1.4.1980, din tintitola lid-detentur għall-kategorija ta' sewqan A1.

Mudell il-Ġermanja 2 (D2)

Maħruġ fil-Ġermanja sal-31.12.1998

Deskrizzjoni: Mudell isfar li jikkonsisti f'erba' paġni.

Tabella ta' ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell D2	Kategoriji korrispondenti
Führerschein zur Fahrgastbeförderung in Kraftomnibussen	D1, D1E, D, DE
Führerschein zur Fahrgastbeförderung in Kraftomnibussen mit nicht mehr als 14 Fahrgastplätzen	D1, D1E
Führerschein zur Fahrgastbeförderung in Kraftomnibussen beschränkt auf Fahrzeuge mit nicht mehr als 24 Fahrgastplätzen oder nicht mehr als 7 500 kg zulässiger Gesamtmasse	D1, D1E, D79 (inqas minn 25 *seat* tal-passiġġieri u inqas minn 7 500 kg

Informazzjoni addizzjonali:

Dan il-mudell m'huwiex validu bħala tali. Sabiex ikun intitolat li jsuq il-kategoriji msemmija fit-tabelli ta' ekwivalenzi, id-detentur ta' dan il-mudell fl-istess ħin irid ikun id-detentur ta' wieħed mill-mudelli segwenti: D1, D3, D4, D5 jew D6.

Mudell il-Ġermanja 3 (D3)

Maħruġ fir-Repubblika Demokratika Ġermaniża sa' l-1969

Deskrizzjoni: Mudell griż b'erba' paġni.

Tabella ta' ekwivalenzi

D3a: Mudell maħruġ sal-31.3.1957.

Kategoriji tal-mudell D3a	Kategoriji korrispondenti
1	A1, A, *B* (ara: 5)
2	A1, A, B, BE, C1, C1E, C, CE (ara: 1, 3, 4)
3	A1, A, B, BE, C1, C1E (ara: 2, 3, 4)
4	A1, A, *B* (ara: 4, 5)

D3b: Mudell maħruġ mill-1.4.1957 sa l-1969.

Kategoriji tal-mudell Db3	Kategoriji korrispondenti
1	A1, A (ara: 5)
2	A1, *B* (ara: 4, 5)
3	A1
4	A1, B, BE, C1, C1E (ara: 2, 3, 4)
5	A1, B, BE, C1, C1E, C, CE (ara: 1, 3, 4)

Informazzjoni addizzjonali:

Emenda statutorja, li daħlet fis-seħħ fl-1.4.1957, bidlet l-applikazzjoni u d-definizzjonijiet tal-kategoriji. Għalhekk żewġ tabelli ta' ekwivalenzi huma meħtieġa għal dan il-mudell.

1. Jekk id-detentur ta' l-intitolament "Klasse 2" maħruġ qabel l-1.4.1957 jew ta' l-intitolament "Klasse 5" maħruġ wara l-31.3.1957 ikun għalaq il-50 sena qabel il-31.12.1999, l-intitolament tiegħu jieqaf milli jkun validu fil-31.12.2000. Sal-31.12.2000 dan id-detentur tal-liċenzja għandu jbiddel il-liċenzja tiegħu ma' mudell ġdid u l-perjodu ta' validità u l-perjodiċità ta' l-eżami mediku għall-mudell il-ġdid ikun japplika. Jekk detentur jagħlaq il-50 sena wara l-31.12.1999, għandu jibiddel il-liċenzja tiegħu ma mudell ġdid f'għeluq il-50 sena tiegħu u minn hemm 'il-quddiem ikun japplika perjodu ta' validità ta' ħames snin.

   Jekk dan id-detentur tal-liċenzja jistabilixxi r-residenza normali tiegħu fi Stat Membru ieħor mingħajr ma jkun konformi mar-regoli t'hawn fuq, l-intitolament tiegħu "Klasse 2" m'għandux ikun rikonoxxut (sakemm ma jkunx bidel ir-residenza normali tiegħu qabel mar-regoli t'hawn fuq ikunu applikabbli għalih).

2. Id-detentur ta' liċenzja "Klasse 3" maħruġa qabel l-1.4.1957 u ta' liċenzja "Klasse 4" maħruġa wara l-31.3.1957 huwa intitolat ukoll li jsuq il-vettura segwenti: CE 79 (> 12 t, imma mhux b'aktar minn tliet fusien b'kollox).

   Dan l-intitolament irid jidher fuq liċenzja ġdida, li tinħariġlu biss bi skambju fuq talba espliċita mid-detentur.

3. Id-detentur ta' vettura tal-"Klasse 3" maħruġa qabel l-1.4.1957 (D3a) jew "Klasse 4" maħruġa wara l-31.3.1957 (D3b), huwa intitolat li jsuq xarabanks mingħajr passiġġieri b'toqol massimu ta' anqas minn 7,5 t, fit-traffiku internazzjonali ukoll, mingħajr l-obbligu li jkollu il-mudell D2.

   Id-detentur ta' vettura tal-"Klasse 2" maħruġa qabel l-1.4.1957 (D3a) jew "Klasse 5" maħruġa wara l-31.3.1957 (D3b), huwa intitolat li jsuq xarabanks mingħajr passiġġieri b'toqol massimu ta' anqas minn 7,5 t, fit-traffiku internazzjonali mingħajr l-obbligu li jkollu il-mudell D2.

   Wara l-iskambju tal-mudelli fil-Ġermanja, id-dritt għas-sewqan ta' xarabank mingħajr passiġġieri huwa llimitat għat-territorju Ġermaniż bl-applikazzjoni ta' kodiċi nazzjonali.

Sabiex ikun intitolat li jsuq karrozzi xarabank b'passiġġieri fi traffiku internazzjonali, id-detentur tal-mudell tal-liċenzja D3 jeħtieġ li jkollu ukoll il-liċenzja mudell D2. Malli jsir l-iskambju fi Stat Membru ieħor, il-kategoriji D1, D1E, D u DE biss iridu jingħataw lid-detenturi li huma intitolati li jsuqu "Klasse 2" (D3a) jew "Klasse 5" (D3b) u li għandhom il-mudell D2.

4. Detentur ta' liċenzja "Klasse 2", "Klasse 3" jew "Klasse 4" tal-mudell D3a jew ta' liċenzja "Klasse 2", "Klasse 4" jew "Klasse 5" tal-mudell D3b, li nħarġet qabel l-1.12.1954, huwa intitolat li jsuq mingħajr restrizzjonijiet il-kategorija A biss wara l-iskambju tal-liċenzja. Mingħajr ma jsir skambju tal-liċenzja, il-mudell jagħti jedd lid-detentur li jsuq A 79 (≤ 250 cm^3) biss.

5. Mingħajr skambju tad-dokument, dan li ġej japplika:

Meta liċenzja "Klasse 1" jew "Klasse 4" kienet inħarġet qabel l-1.12.1954, id-detentur huwa intitolat li jsuq B 79 (≤ 700 $ċm^3$) biss. Fil-każ li l-liċenzja "Klasse 1" jew "Klasse 4" kienet inħarġet wara dik id-data u qabel l-1.4.1957, jew il-liċenzja "Klasse 2" kienet inħarġet wara l-31.3.1957, id-detentur huwa intitolat li jsuq B 79 (≤ 250 $ċm^3$) biss.

Fil-każ ta' skambju tad-dokument għal liċenzja ġdida, id-detentur ikun mogħti B sħiħa.

Mudell il-Ġermanja 4 (D4)

Maħruġ fir-Repubblika Demokratika Ġermaniża mill-1969 sal-31.5.1982

Deskrizzjoni: Ktieb tal-liċenzji bi 12-il paġna, qoxra griża.

Tabella ta' ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell D4	Kategoriji korrispondenti
1	A1, A (ara: 5)
2	*B* (ara: 4, 5, 6)
3	– (ara: 6)
4	B, BE, C1, C1E (ara: 2, 3, 4, 6)
5	B, BE, C1, C1E, C, CE (ara: 1, 3, 4, 6)
§ 6 StVZO, § 85 StVZO	– (ara: 6)

Informazzjoni addizzjonali:

1. Jekk id-detentur ta' l-intitolament "Klasse 5" ikun għalaq il-50 sena qabel il-31.12.1999, l-intitolament tiegħu jieqaf milli jkun validu fil-31.12.2000. Sal-31.12.2000 dan id-detentur tal-liċenzja għandu jbiddel il-liċenzja tiegħu ma' mudell ġdid u l-perjodu ta' validità u l-perjodiċità ta' l-eżami mediku għall-mudell il-ġdid tkun tapplika. Jekk detentur jagħlaq il-50 sena wara l-31.12.1999, għandu jibiddel il-liċenzja tiegħu ma' mudell ġdid f'għeluq il-50 sena tiegħu u minn hemm 'il quddiem perjodu ta' validità ta' ħames snin ikun japplika.

Jekk dan id-detentur tal-liċenzja jistabbilixxi r-residenza normali tiegħu fi Stat Membru ieħor mingħajr ma jkun konformi mar-regoli stipulati hawn fuq, l-intitolament tiegħu "Klasse 2" m'għandux jiġi rikonoxxut (sakemm ma jkunx bidel ir-residenza normali tiegħu qabel ma r-regoli t'hawn fuq ikunu japplikaw għalih).

2. Id-detentur ta' liċenzja "Klasse 4" huwa intitolat ukoll li jsuq il-vettura segwenti: CE 79 (> 12 t, imma mhux iktar minn tliet fusien b' kollox).

Dan l-intitolament irid jidher fuq il-liċenzja l-ġdida, li tinħariġlu biss bi skambju fuq talba espliċita mid-detentur.

3. Id-detentur ta' vettura tal-"Klasse 4" huwa intitolat li jsuq xarabanks vojta b'toqol massimu ta' 7,5 t, fit-traffiku internazzjonali ukoll, mingħajr l-obbligu li jkollu l-mudell D2. Id-detentur ta' vettura tal-"Klasse 5" huwa intitolat li jsuq xarabanks vojta fit-traffiku internazzjonali mingħajr l-obbligu li jkollu l-mudell D2. Wara l-iskambju tal-mudelli fil-Ġermanja, id-dritt għas-sewqan ta' xarabank vojta huwa llimitat għat-territorju Ġermaniż bl-applikazzjoni ta' kodiċi nazzjonali.

Sabiex ikun intitolat li jsuq xarabanks b'passiġġieri fi traffiku internazzjonali, id-detentur tal-mudell tal-liċenzja D3 jeħtieġ li jkollu ukoll il-liċenzja mudell D2. Malli jsir skambju fi Stat Membru ieħor, il-kategoriji D1, D1E, D u DE iridu jingħataw biss lil-detenturi li huma intitolati jsuqu "Klasse 5" u li għandhom il-mudell D2.

4. Detentur ta' liċenzja "Klasse 2", "3" jew "5", li kienet inħarġet oriġinarjament qabel l-1.12.1954, huwa intitolat li jsuq kategorija mhux ristretta A biss wara skambju tal-liċenzja. Mingħajr ma jsir skambju tal-liċenzja, il-mudell jagħti jedd lid-detentur li jsuq A 79 (≤ 250 ċm^3) biss.

5. Mingħajr skambju tad-dokument, dan li ġej japplika:

Fejn liċenzja "Klasse 1" kienet inħarġet qabel l-1.12.1954, id-detentur huwa intitolat li jsuq B 79 (≤ 700 ċm^3). F'każ li liċenzja "Klasse 1" kienet inħarġet wara dik id-data u qabel l-1.4.1957, jew liċenzja "Klasse 2" kienet inħarġet wara l-1.4..1957, id-detentur huwa intitolat li jsuq B 79 (≤ 250 ċm^3) biss.

Fil-każ ta' skambju tad-dokument għal liċenzja ġdida, id-detentur huwa mogħti B sħiħa.

6. Jekk id-detentur ta' "Klasse 2", "3", "4" jew "5", jew b'mod konformi ma' § 6 StVZO jew § 85 StVZO, ikun kiseb il-liċenzja tiegħu qabel l-1.4.1980, huwa intitolat li jsuq il-kategorija A1 ukoll. F'dan il-każ il-"Klasse 3" m'hijiex biss kategorija nazzjonali.

Mudell il-Ġermanja 5 (D5)

Maħruġ fir-Repubblika Demokratika Ġermaniża mill-1.6.1982 sat-2.10.1990

Deskrizzjoni: Mudell tal-karti roża jgħajjat, erba' paġni.

Tabella ta' ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell D5	Kategoriji korrispondenti
A	A1, A
B	B, BE, C1 (ara: 2, 3)
C	B, BE, C1, C1E, C (ara: 1, 3)
D	B, BE, C1, C1E, *D1, D* (ara: 1, 3)
BE	B, BE, C1, C1E (ara: 2)
CE	B, BE, C1, C1E, C, CE (ara: 1)
DE	B, BE, C1, C1E, *D1, D1E, D, DE* (ara: 1, 3)

Informazzjoni addizzjonali:

1. Jekk id-detentur ta' intitolament "Klasse C", "CE", "D" u "DE" ikun għalaq il-50 sena qabel il-31.12.1999, l-intitolament tiegħu jieqaf ikun validu fil-31.12.2000. Sal-31.12.2000 dan id-detentur tal-liċenzja irid ibiddel il-liċenzja tiegħu ma' mudell ġdid u l-perjodu ta' validità u l-perjodiċità ta' l-eżami mediku għall-mudell il-ġdid ikun japplika. Jekk detentur jagħlaq il-50 sena wara l-31.12.1999, irid ibiddel il-liċenzja tiegħu ma' mudell ġdid f'għeluq il-50 sena tiegħu u minn hemm 'il quddiem jibda japplika perjodu ta' validità ta' ħames snin.

Jekk dan id-detentur tal-liċenzja jistabbilixxi r-residenza normali tiegħu fi Stat Membru ieħor mingħajr ma jkun konformi mar-regoli stipulati hawn fuq, l-intitolament tiegħu "Klasse 2" m'għandux jiġi rikonoxxut (sakemm ma jkunx biddel ir-residenza normali tiegħu qabel ma japplikaw għalih ir-regoli imsemmija hawn fuq).

2. Id-detentur ta' liċenzja "Klasse B" u "BE" huwa intitolat ukoll li jsuq il-vettura segwenti: CE 79 (> 2 t, imma mhux iktar minn tliet fusien b' kollox).

Dan l-intitolament irid jidher fuq il-liċenzja ġdida, li tinħariġlu biss bi skambju fuq talba espliċita mid-detentur.

3. Id-detentur ta' vettura tal-"Klasse B" huwa intitolat li jsuq xarabanks mingħajr passiġġieri b'toqol massimu ta' 7,5 t, fit-traffiku internazzjonali ukoll, mingħajr l-obbligu li jkollu l-mudell D2.

Id-detentur ta' vettura tal-"Klasse C" huwa intitolat li jsuq xarabanks mingħajr passiġġieri fit-traffiku internazzjonali mingħajr l-obbligu li jkollu l-mudell D2. Wara l-iskambju tal-mudelli fil-Ġermanja, id-dritt għas-sewqan ta' xarabanks huwa llimitat għat-territorju Ġermaniż bl-applikazzjoni ta' kodiċi nazzjonali.

Sabiex ikun intitolat li jsuq xarabanks b' passiġġieri fi traffiku internazzjonali, id-detentur ta' liċenzja D5 jeħtieġ li jkollu ukoll liċenzja mudell D2. Malli jsir skambju fi Stat Membru ieħor, il-kategoriji D1, D1E, D u DE iridu jingħataw biss lid-detenturi li huma intitolati jsuqu "Klasse D" jew "DE" (D5) u li għandhom il-mudell D2.

Mudell il-Ġermanja 6 (D6)

Maħruġ fil-Ġermanja mill-1.4.1986 sal-31.12.1998

Deskrizzjoni: Mudell ta' karti roża b'sitt paġni.

Tabella ta' ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell D6	Kategoriji korrispondenti
1	A1, A (ara: 2)
1a	A1, A
1b	A1
2	B, BE, C1, C1E, C, CE (ara: 1, 3, 5)
3	B, BE, C1, C1E (ara: 3, 4, 5)
(4)	– (ara: 6)
(5)	–

Informazzjoni addizzjonali:

1. Jekk id-detentur ta' intitolament "Klasse 2" ikun għalaq il-50 sena qabel il-31.12.99, l-intitolament tiegħu jieqaf milli jkun validu fil-31.12.2000. Sal-31.12.2000 dan id-detentur tal-liċenzja jrid ibiddel il-liċenzja tiegħu ma' mudell ġdid u l-perjodu ta' validità u l-perjodiċità ta' l-eżami mediku għall-mudell il-ġdid tkun tapplika. Jekk detentur jagħlaq il-50 sena wara l-31.12.1999, irid ibiddel il-liċenzja tiegħu ma' mudell ġdid f'għeluq il-50 sena tiegħu u minn hemm 'il quddiem jibda japplika perjodu ta' validità ta' ħames snin.

Jekk dan id-detentur tal-liċenzja jistabbilixxi r-residenza normali tiegħu fi Stat Membru ieħor mingħajr ma jkun konformi mar-regoli stipulati hawn fuq, l-intitolament tiegħu "Klasse 2" m'għandux ikun rikonoxxut (sakemm ma jkunx bidel ir-residenza normali tiegħu qabel ma japplikaw ir-regoli t'hawn fuq għalih).

2. Meta kienet inkisbet il-liċenzja "Klasse 1" tal-Mudell D1 qabel il-31.12.1954 (qabel l-1.10.1960 fl-Art ta' Saarland), id-detentur huwa intitolat li jsuq il-kategorija B 79 (≤ 700 ċm^3) ukoll, mingħajr ma jkollu għalfejn jibdel il-liċenzja. Meta jibdel din il-liċenzja, id-detentur jingħata liċenzja sħiħa tal-kategorija B.

Dan t'hawn fuq japplika għall-mudell D6 biss jekk kienet inħarġet D1 lejn l-istess detentur qabel id-dati relevanti u mibdula għal mudell D6 wara dan.

3. F'każ li kienet inkisbet liċenzja "Klasse 2" jew liċenzja "Klasse 3" qabel l-1.12.1954 (qabel l-1.10.1960 fl-Art ta' Saarland), id-detentur huwa intitolat għall-kategoriji ta' sewqan A1 u A 79 (≤ 250 ċm^3) ukoll. Fiż-żewġ każijiet, id-detentur jingħata intitolament mhux ristrett tal-kategorija A meta huwa jibdel il-liċenzja. Jekk tkun inkisbet liċenzja "Klasse 2" jew "Klasse 3" wara d-dati t'hawn fuq imma qabel l-1.4.1980, din tagħti jedd lid-detentur għall-kategorija ta' sewqan A1 ukoll.

Dan t'hawn fuq japplika għall-mudell D6 biss jekk kienet inħarġet D1 lejn l-istess detentur qabel id-dati relevanti u mibdula għal mudell D6 wara dan.

4. Id-detentur ta' liċenzja "Klasse 3" huwa intitolat ukoll li jsuq il-vettura segwenti: C 79 (> 12 t, imma mhux iktar minn tliet fusien b' kollox).

Dan l-intitolament irid jidher fuq il-liċenzja l-ġdida, li tinħariġlu biss bi skambju fuq talba espliċita mid-detentur.

5. Id-detentur ta' vettura ta' "Klasse 3" huwa intitolat li jsuq xarabanks mingħajr passiġġieri b' toqol massimu ta' 7,5 t, fit-traffiku internazzjonali ukoll, mingħajr l-obbligu li jkollu l-mudell D2. Id-detentur ta' vettura ta' "Klasse 2" huwa intitolat li jsuq xarabanks mingħajr passiġġieri fit-traffiku internazzjonali mingħajr l-obbligu li jkollu l-mudell D2. Wara l-iskambju tal-mudelli fil-Ġermanja, id-dritt għas-sewqan ta' xarabank mingħajr passiġġieri huwa llimitat għat-territorju Ġermaniż bl-applikazzjoni ta' kodiċi nazzjonali.

Sabiex ikun intitolat li jsuq xarabanks bil-passiġġieri fi traffiku internazzjonali, id-detentur ta' liċenzja D6 huwa meħtieġ li jkollu liċenzja mudell D2 ukoll. Malli jsir l-iskambju fi Stat Membru ieħor, il-kategoriji D1, D1E, D u DE iridu jingħataw biss lid-detenturi ta' "Klasse 2" (D6) u tal-mudell D2.

6. Meta intitolament "Klasse 4" ta' mudell D1 mogħti qabel l-1.12.1954 (qabel l-1.10.1960 fl-Art ta' Saarland) ma tkunx kategorija nazzjonali biss imma tintitola lid-detentur li jsuq dawn il-kategoriji segwenti: A1, A 79 (≤ 250 ċm^3) u B 79 (≤ 700 ċm^3). Fiż-żewġ każijiet, id-detentur jingħata l-intitolament mhux ristrett tal-kategorija A meta huwa jbiddel il-liċenzja. Jekk tkun inħarġet liċenzja "Klasse 4" wara d-dati imsemija hawn fuq, imma qabel l-1.4.1980, din tagħti jedd lid-detentur għall-kategorija ta' sewqan A1.

Dan t'hawn fuq japplika għall-mudell D6 biss jekk kienet inħarġet D1 lejn l-istess detentur qabel id-dati relevanti u mibdula għal mudell D6 wara dan.

Mudell il-Ġermanja 7 (D7)

Maħruġ fil-Ġermanja sa mill-1.1.1999

Deskrizzjoni: Mudell ta' biljett tal-plastika b'mod konformi ma' l-Anness Ia tad-Direttiva 91/439/KEE.

Tabella ta' ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell D7	Kategoriji korrispondenti
A1	A1
A	A
B	B
C1	C1
C	C
D1	D1
D	D
BE	BE
C1E	C1E
CE	CE
D1E	D1E
DE	DE

MUDELLI MAĦRUĠA FIL-GREĊJA

Mudell il-Greċja 1 (GR1)

Maħruġ fil-Greċja mit-12.1.1987 sat-30.3.1997

Deskrizzjoni: Mudell ta' karti roża b'sitt paġni.

Tabella ta' ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell GR1	Kategoriji korrispondenti
A	A
B	B
Β Για επαγγελματική χρήση	B*
C	C
D	D
BE	BE
CE	CE
DE	DE

Mudell il-Greċja 2 (GR2)

Maħruġ fil-Greċja sa mill-1.4.1997

Deskrizzjoni: Mudell ta' karti roża b'sitt paġni li jittrasponu l-Anness I tad-Direttiva 91/439/KEE.

Tabella ta' ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell GR2	Kategoriji korrispondenti
A1 / A1	A1
A / A	A
B1 / B1	B1
B / B	B
C / Γ	C
D / Δ	D
BE / BE	BE
CE /Γ E	CE
DE /Δ E	DE

MUDELLI MAĦRUĠA FI SPANJA

Mudell Spanja 1 (SP1)

Maħruġ fi Spanja mill-4.3.1984 sas-26.6.1997

Deskrizzjoni: Liċenzja ta' karti roża li tikkonsisti f'sitt paġni.

Tabella ta' ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell SP1	Kategoriji korrispondenti
A1	A1
A2	A
B1	B
B1E, B2E	BE
B2	B għal użu professjonali
C1	C1
C1E, C2E	C1E
C2	C, CE (ara: 1)
D	D
DE	DE

Informazzjoni addizzjonali:

Id-detentur ta' liċenzja C2 huwa intitolat li jsuq DE ukoll, jekk huwa jkun detentur ta' liċenzja D.

Mudell Spanja 2 (SP2)

Maħruġ fi Spanja mis-27.6.1997

Deskrizzjoni: Mudell ta' karti roża b' sitt paġni b'mod konformi ma' l-Anness I tad-Direttiva 91/439/KEE.

Tabella ta' ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell SP2	Kategoriji korrispondenti
A1	A1
A	A
B	B
C1	C1
C	C
D1	D1
D	D
BE	BE
C1E	C1E
CE	CE
D1E	D1E
DE	DE

MUDELLI MAĦRUĠA FI FRANZA

Mudell Franza 1 (F1)

Maħruġ fi Franza sa l-1954

Deskrizzjoni: Karta roża b'żewġ paġni, u b'ritratt fuq quddiem.

Tabella ta' ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell F1	Kategoriji korrispondenti
–	B (ara: 1)
1º Voitures affectés à des transports en commun	D
2º Véhicules pesant en charge plus de 3 000 kg	C
3º Motocycles à deux roues	A

Informazzjoni addizzjonali:

Jekk xejn ma jkun indikat fuq in-naħa ta' wara tal-liċenzja, din m' hijiex valida għas-sewqan ta' vetturi tal-kategoriji 1º, 2º, 3º. Għalhekk l-intitolament ekwivalenti għal kategorija B, li ma jinsabx f'waħda mit-tliet kategoriji deskritti, ma jistax ikun indikat. Linja fil-tabella turi dan:

"–".

Mudell Franza 2 (F2)

Maħruġ fi Franza mill-1954 sa' l-20.1.1975

Deskrizzjoni: Mudell ta' karti roża (konsiderevolment ikbar mill-mudelli fl-Anness I tad-Direttiva 91/439/KEE), sitt paġni.

Tabella ta' ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell F2	Kategoriji korrispondenti
A1	A1, B1
A	A1, A, B1
B	A1, B1, B
C	A1, B1, B, BE, C, CE, D, DE
D	A1, B1, B, BE, *C, CE, D, DE* (ara: 1)
BE	A1, B1, B, BE
CE	A1, B1, B, BE, C, CE, D, DE
DE	A1, B1, B, BE, *C, CE, D, DE* (ara: 1)
FA1	A1 + kodiċi (10, 15, …)
FA	A + kodiċi (10, 15, …)
FB	B + kodiċi (10, 15, …)

Informazjoni addizzjonali:

Jekk il-vettura tat-test, li għaliha d-detentur tal-liċenzja jkun għadda t-test prattiku tiegħu għall-kategorija D jew DE, kienet 3,5 t, id-detentur huwa biss intitolat li jsuq il-kategoriji segwenti: A1, B1, B, BE, D 79 (≤ 3 500 kg).

Mudell Franza 3 (F3)

Maħruġ fi Franza mill-20.1.1975 sal-1.3.1980

Deskrizzjoni: Mudell ta' karti roża (konsiderevolment akbar mill-mudelli fl-Anness I tad-Direttiva 91/439/KEE), sitt paġni.

Tabella ta' ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell F3	Kategoriji korrispondenti
A1	A1, B1
A	A1, A, B1
B	A1, B1, B
C	A1, B1, B, BE, C, CE 79 (≤ 12,5 t)
C1	A1, B1, B, BE, C, CE, D, DE
D	A1, B1, B, BE, *C, CE 79 (≤ 12,5 t), D, DE* (ara: 1)
BE	A1, B1, B, BE
DE	A1, B1, B, BE, C, CE, D, DE
FA1	A1
FA	A
FB	B
FBE	BE

Informazzjoni addizzjonali:

1. Jekk il-vettura tat-test, li fiha d-detentur tal-liċenzja jkun għadda t-test prattiku tiegħu għall-kategorija D kienet ≤ 3,5 t (bejn l-20.1.1975 u l-31.5.1979), id-detentur huwa biss intitolat li jsuq: A1, B1, B, BE, D 79 (≤ 3 500 kg).

2. Jekk il-vettura tat-test kienet ≤ 7 t (bejn l-1.6.1979 u l-1.3.1980), huwa intitolat li jsuq: A, B1, B, BE, D 79 (≤ 3 500 kg).

Mudell Franza 4 (F4)

Maħruġ fi Franza mill-1.3.1980 sa l-1.1.1985

Deskrizzjoni: Liċenzja ta' karti roża (konsiderevolament ikbar mill-mudelli fl-Anness I tad-Direttiva 91/439/KEE), sitt paġni.

Tabella ta' ekwivalenzi

Kategoriji tal-mudell F4	Kategoriji korrispondenti
A1	A1, B1
A2	A1, A, B1
A3	A1, A, B1
A4	B1
B	A1, B1, B
BE	A1, B1, B, BE
C	A1, B1, B, BE, C, CE 79 (≤ 12,5 t)
C1	A1, B1, B, BE, C, CE, D, DE
D	A1, B1, B, BE, C, CE 79 (≤ 12,5 t), D, DE (ara: 1)
DE	A1, B1, B, BE, C, CE 79 (≤ 12,5 t), D, DE
FA1	A1, B1
FA2	A1, A, B1
FA3	A1, A, B1
FA4	B1
FB	A1, B1, B

Informazzjoni addizzjonali:

